# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Mejju, 2002**

**Numru**

**Appell numru 116/01**

**Registratur tal-Qrati Superjuri**

**vs**
**Anthony Manduca**
**personalment kif ukoll bhala editur ta' The Malta Independent on Sunday**
**u**
**Karl Schembri**
**personalment kif ukoll bhala artikolista.**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI</u>**

**<u>IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR</u>**

1. L-attur pprezenta b'citazzjoni quddiem il-Qorti Kriminali fis-16 ta' Settembru, 1999, fuq ordni ta' dik l-Qorti, diversament preseduta, tal-21 ta' Lulju, 1999, in segwitu ghar-rikors ta' l-Avukat Generali tal-5 ta' Lulju,

1999, u dan kontra l-imsemmija Anthony Manduca u Karl Schembri proprio et nomine ghal disprezz skond l-artikolu 1003A tal-Kap.12.

Illi tramite s-sentenza appellata moghtija fit-18 ta' Mejju, 2001 il-Qorti Kriminali ordnat il-liberatorja tal-konvenuti wara li ddikjarat li hija ma kienitx kompetenti li tisma' dawn il-proceduri.

## 2. L-APPELL TA' L-ATTUR

L-attur appella minn din is-sentenza fuq l-aggravji li skond is-sentenza appellata, il-Qorti Kriminali, meta tkun kostitwita b'wiehed mill-imhallfin flimkien ma' guri, ma tistax tisma' u taqta' pendenza ta' disprezz.

Fid-dettal l–aggravji huma s-segwenti:

(i) il-qorti oltreggjata hija l-qorti kriminali u s-sentenza appellata tisvestiha minn rimedju skond il-ligi. Subordinatament is-sentenza timplika rimedji li jivvjolaw in-norma tad-dritt dwar is-separazzjoni tal-kompetenzi tal-qrati civili u dawk kriminali.

(ii) is-sentenza mhix konsistenti dwar liema kawzi simili ghandhom jinstemghu mill-Qorti kriminali u liema m'ghandhomx;

(iii) Is-sentenza injorat gurisprudenza li kwistjonijiet kolaterali jistghu jigu promossi fil-qorti kriminali bil-forma tac-citazzjoni.

Il-Qorti mmotivat is-sentenza taghha fuq zewg punti li fl-opinjoni ta' l-esponenti ghandhom ikunu mhassra u revokati.

**L-ewwel punt:**

(i) Il-Qorti ssemmi "sensiela ta' proceduri simili" u "ruxxmata ta' kawzi ohra identici" ghal kawza odjerna. Bhala ezempju ssemmi sentenza tal-Qorti Civili, Prim'Awla – Registratur tal-Qorti vs Anthony Gauci (Citaz. Nru 2637/97/RCP, deciza 23 ta' Marzu, 1999).

Bir-rispett din il-kawza mhix ezempju felici. U jekk ir-"ruxxmata ta' kawzi ohra" huma "identici" ghal Gauci multo magis. Dan ghaliex f'Gauci l-ordni ghal proceduri ghal disprezz inghatat minn qorti civili u giet processata mill-istess qorti diversament preseduta. Ghalkemm f'Gauci il-qorti ccitat sentenza li sostniet l-indoli kriminali ta' l-azzjoni ghal disprezz, b'danakollu pprocediet biex qatghet il-kawza hija stess.

L-ezempji li taf bihom l-esponenti fil-kamp civili huma kollha f'dan is-sens u d-distinzjoni tas-separazzjoni tal-kompetenzi tal-qrati hija rispettata.

Pero, fil-kawza appellata il-qorti ma tatx ezempji ohra biex almenu jkun konstatat jekk din is-separazzjoni gietx disturbata jew le. Tghid biss li

huma "ruxxmata" u "identici" ghall-kawza odjerna u ghal Gauci. Termini daqshekk arbitrarjament generici ma jwasslux ghal precizzjoni. Inoltre, il-messagg li l-qorti qisha qed taghti huwa illi meta qorti kriminali tkun oltreggjata b'disprezz ir-registratur ghandu jipprocedi immankabbilment f'qorti ohra imma mhux dik Kriminali bhal fil-kaz ta' dawk ir-"ruxxmata ta' kawzi ohra identici".

In-nuqqas ta' ezattezza f'din il-parti tas-setenza necessarjament jincidi sostanzjalment fuq l-ezitu tad-decizjoni u jenhtieg li jkun rettifikat.

Mhux hekk biss, imma bil-precedent ikkrejat bis-sentenza appellata, qrati civili issa jistghu isostnu li, stante n-natura "kriminali" tal-proceduri ghal disprezz, talbiet simili huwa extra muros il-kompetenza taghhom. Ir-rizultat ikun cirku vizzjuz fejn qorti oltreggjata indirettament ma jkollhiex rimedju tirrepristina r-rispett dovut lejha u lejn l-amministrazzjoni tal-gustizzja.

Ghax jekk qorti kriminali sabitha facli li kawza ta' indoli kriminali tirrifjutaha ghar-raguni li hija mhix kompetenti ghax l-esponenti quddiemha hija "attur", kemm izjed huwa facli li qorti civili tirrifjuta kawza simili fuq il-precedent ta' din is-sentenza a bazi li kawza ta' indoli kriminali ghandha tinstema' minn qorti kriminali.

Certament fertilizzazzjoni ta' kawzi u kompetenzi f'tali cirku vizzjuz mhux ravvizat minn ebda norma tad-dritt.

Dwar l-istess "L-ewwel punt" il-qorti ghaddiet biex semmiet id-disprezz in faciem curiae.

Il-paragun huwa tajjeb ghax il-kuncett huwa wiehed – qorti, hi liema hi, ghandha kompetenza inerenti li meta tkun issubiet allegat disprezz fi proceduri originali tidhol hija nfisha ghax hija dik il-qorti li tkun oltreggjata, u tirrimedja kollaterlament skond il-ligi.

La l-kuncett huwa wiehed, dak li japplika ghal disprezz dirett japplika ukoll ghal disprezz indirett.  Li hu differenti hija l-procedura.  Fid-disprezz indirett hemm il-forma tac-citazzjoni.

Izda s-sentenza appellata, meta tichad il-figura ta'l-"attur", impliciiter tichad ukoll il-forma tac-citazzjoni.  Timplika illi allura l-kompetenza hija civili.  Bir-rispett din l-interpretazzjoni mhix skond il-gurisprudenza tal-qrati taghna.

Peress li s-sentenza appellata ma taccettax il-kompetenza inerenti, id-distinzjoni taghha bejn disprezz dirett u dak indirett twassalha biex

impicitament tikkondkludi li f'disprezz indirett qorti tista' taghmel referenza ghal qorti ohra.

L-ekwivoci f'din il-parti tas-sentenza ma jwasslux ghal skjerament car tal-pozizzjoni peress li:

(a) l-analogija ma "ruxxmata ta' kawzi ohra identici" ma ssegwix ghax mhix dokumentata u l-uniku dokumentazzjoni li gabet il-qorti tikkontradixxi t-tezi ta' l-istess qorti;

(b) it-tezi tar-referenza ghalkemm tissemma' mhix applikata ghax dubjuza jew inaccetabbli.

**It-tieni punt:**

(ii) Il-Qorti fil-kawza appellata tghid li "thossha ferm skomda" li l-istess qorti li tat l-ordni ghal dawn il-proceduri qed tkun l-istess "gudikand fil-kawza proprja taghha".

Bir-rispett, dan mhux korrett. Il-qorti hija wahda u ma tinbidilx; huwa gudikant li jastjeni skond il-ligi. Imma lanqas hawn mhu il-kaz ghax il-qorti kienet "diversament preseduta". Anke kieku ma kinitx, ghax il-kontestazzjoni mhux bejn il-qorti u l-akkuzat kif kienet qabel l-1995. Ergo l-imparzjalita' tal-qorti tibqa' integra.

Imma lanqas din ir-raguni ta' l-iskomdu mhi konvincenti ghaliex l-istess qorti tghid illi kieku hija kienet "presjeduta minn imhallef wahdu biss", kienet tkun tista' "tisma' w tiddeciedi hi minghajr il-guri". Imma peress li l-qorti hija bil-gurija ma tistax ghax huma l-gurati li jiddeciedu fuq il-fatti.

Imma wiehed jistaqsi: mela l-Qorti Kriminali mhix qorti wahda? Iz-zewg attribuzzjonijiet ta' din il-Qorti ghandhom ixekklu lill-Qorti Kriminali mill-kompetenza li tisma' disprezz?

Wiehed jistaqsi ukoll: kieku d-disprezz kien dirett, u l-qorti kriminali kienet komposta mill-gurati, allura kienu jkunu l-gurati li jiddeciedu? Kien jibda guri iehor? Jew li l-Qorti kienet tiddeciedi hi motu proprio tali pendenza kollaterali u ancillari?

Imma s-sentenza mhix cara: jew il-qorti kriminali ma tistax tisma' proceduri ghal disprezz ordnati minnha stess minhabba "skomdu" jew tista' tismaghhom basta tkun "presjeduta minn imhallef wahdu biss".

Anke taht dan "It-tieni punt" is-sentenza tinqabad f'kontradizzjonijiet:

(c) f'mument qalet li l-kontestazzjoni dwar jekk ir-registratur ghandux jipprocedi fil-qorti civili flok f'dik kriminali kienet "ghall-grazzja ta' l-argument biss", imbaghad ghaddiet biex qalet li mhix kompetenti;

(d) qalet li thossha skomda. Imma kif jirrizulta dan mhux minhabba l-imparzjalita' imma ghax dik l-attribuzzjoni taghha, skond hi, ma kinitx tippermittilha;

(e) il-fatti ta' disprezz indirett fil-qorti kriminali kostitwita bil-gurati, skond is-sentenza, ma jistghux ikunu decizi;

Il-Qorti kompliet qalet li tali pendenza kellha tigi trattata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Probabbli il-Qorti qed tistrieh fuq l-artikolu 517(4) tal-Kap. 9, fejn il-Qorti Kriminali "tista', (sottolinear ta' l-esponenti) tahtar, flokha nfisha, lill-Qorti tal-Magistrati" biex tisma' pendenza simili. Ara f'dan ir-rigward il-kawzi Registratur tal-Qrati vs Anthony Farrugia et (Magistrat M. Hayman) u Registratur tal-Qrati vs S. Elllul Bonici (Magistrat A. Micallef Trigona). Fil-kaz odjern tali referenza ma saritx u ghalhekk l-esponenti ma setghax minn jedda tmur ghand dik il-Qorti tal-Magistrati.

3. Dwar il-procedura li kellha tigi adottata, l-esponenti umilment tissottometti l-punt li kieku l-qorti accettat il-gurisprudenza in materja dwar kwistjoni kollaterali, dawn l-ekwivoci ma kinux iqumu.

Kwistjonijiet kollaterali jezistu. Dawk li jistghu jinstemghu fil-Qorti Kriminali kostitwita b'wiehed mill-imhallfin flimkien ma' guri huma, skond l-artikolu 436(2), msemmijin fit-Titolu VII tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kap.9. Id-disprezz mhux wiehed minnhom u huwa, bl-artikolu 686, fit-Taqsima lll tal-Kap.9.

L-esponenti tibqa' ssostni kif sostniet fin-noti taghha u anke verbalment quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, li hija l-kompetenza ta' dik il-qorti li taghti l-ordni ghal disprezz li ghandha tregi. L-esponenti ma ssottomettitx, kuntrarjament ghal dak li hemm fis-sentenza fl-ewwel paragrafu that l-ewwel IKKUNSIDRAT, li l-qorti kriminali "mhiex kompetenti". Jekk f'dan il-paragrafu m'hemmx lapsus calami, l-esponenti qed taghmel din il-kjarifika.

L-esponenti tissottometti li kull qorti hija geluza ghar-rispett dovut lejha u ghall-amministrazzjoni sewwa tal-gustizzja. Dan hu li janima l-proceudra ghal disprezz. Ghall-finijiet ta' kompetenza tiddeciedi dik il-qorti. Kull qorti ghandha d-dover li tassigura li l-awtorita' taghha ma tigix disprezzata u dan fl-interess ta' l-amministrazzjoni retta tal-gustizzja. Dan huwa l-essenza ta' l-istitut ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti. Ghalhekk necessarjament kull qorti ghandha l-kompetenza necessarja sabiex tirreprimi kull disprezz lejha.

Ma hemmx dubju li l-esponenti ipprovat skond il-ligi id-disprezz tal-konvenuti appellati lejn l-awtorita' tal-qorti kriminali u kif jirrizulta mill-provi prodotti fl-ewwel stanza. Tramite l-kompetenza inerenti, kull qorti ghandha tassigura dan l-interess, b'mod indipendenti u imparzjali. Dan kien il-fini ta' l-emendi ta' 1995, sabiex qorti ma tkunx u ma tidhirx li tkun qed tipprosegwixxi, tiddefendi u tiggudika kontestwalment kawza "taghha", kif validament kienet ikkritikata bis-sentenza Il-Qorti vs Angelo Pace (Qorti ta' l-Appell, Rikors nru 302/90, deciza 7.12.1990). Ghaliex b'effett ta' dawk l-emendi il-qorti ma baqghetx parti fil-proceduri ta' disprezz izda ir-registratur tal-qorti sar il-parti li jippromwovi il-proceduri ta' disprezz.

F'dan is-sens l-esponenti umilment tissottometti li l-kwistjoni odjerna kienet issib is-soluzzjoni taghha bil-forma tac-citazzjoni ghal pendenza kollaterali odjerna ghal kawza originali in kwistjoni – Repubblika ta' Malta vs (omissis) Ian Farrugia.

Imma s-sentenza appellata sabet oggezzjoni ghal din il-procedura bil-konsegwenti fil-komlplikazzjonijiet u kontradizzjonijiet indikati.

Ghaldaqstant, l-attur appellant talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka is-sentenza appellata tal-Qorti Kriminali tat-18 ta' Mejju, 2001, fil-kawza fl-ismijiet premessi billi tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti dwar

il-kompetenza u minflok tilqa' t-talbiet ta' l-attrici appellant bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

3. **L-appellati wiegbu hekk:**

In limine litis in-nullita' tal-appell stante illi ma hemmx indikata l-Qorti li fiha l-appellanti qeghdin jintavolaw l-appell taghhom;

In limine litis, subordinatament ghal dak premess u minghajr pregudizzju ghall-istess eccepit, in-nullita' tal-appell stante li l-istess huwa nieqes mill-elementi perentorji, determinanti ghall-appell;

Illi fil-mertu l-appell huwa infondat peress illi s-sentenza hija gusta u timmerita konferma bl-ispejjes kontra l-appellanti ghal dawn ir-ragunijiet:

L-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt illi il-Qorti oltreggjata hija l-Qorti Kriminali u s-sentenza appellata tisvestiha minn rimedju skond il-ligi, u illi, subordinatament is-sentenza timplika rimedji li jivvjolaw in-norma tad-dritt dwar is-separazzjoni tal-kompetenzi tal-qrati civili u dawk kriminali. Dan huwa argument u mhux aggravju, argument akkademiku li ai fini tas-sentenza appellata huwa irrilevanti, u ghandu jigi michud.

It-tieni aggravju illi l-appellant isemmi jikkonsisti fil-fatt illi is-sentenza mhix konsistenti dwar liema kawzi simili ghandhom jinstemghu mill-Qorti Kriminali u liema m'ghandhomx. Dan, bir-rispett kollu, huwa assurd. L-ebda dispozizzjoni la fil-Kodici Kriminali, wisq anqas fil-Kostituzzjoni, ma tobbliga lill-Qorti sabiex taghmel elenku dettaljat ta' liema kawzi ghandhom jinstemghu mill-Qorti Kriminal u liema m'ghandhomx, Il-ligi, sabiex tassigura illi "justice is done and justice is seen to be done" tirrikjedi li jigu ssalvagwardjati u rigorosament implimentati il-principji tal-gustizzja naturali, fosthom ir-rekwizit li jinghataw ir-ragunijiet ghas-sentenza, liema rekwizit johrog mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u ghalhekk japplika ghal procedimenti civili, u mill-Kostituzzjoni illi tapplika ghal procediment ta' indoli kriminali. Dan ir-rekwiziet gie sodisfatt pjenement ghaliex is-sentenza appellata konsistenti f'ghaxar pagni, fiha ragunijiet ezawrjenti u dettaljati. Inoltre, fis-sentenza appellata ma tezisti l-ebda kontradizzjoni a rigward ta' liema kawzi ghandhom jinstemghu mill-qorti kriminali u liema m'ghandhomx.

Il-Qorti ddikjarat, kif kien kompitu tal-istess li dak li gie quddiemha intavolat ghas-savju gudizzju taghha ma tistax fuqu tesprimi gudizzju.

Fit-tielet aggravju l-appellanti jissottometti illi is-sentenza appellata injorat gurisprudenza li kwistjonijiet kollaterali jistghu jigu promossi fil-

qorti kriminali bil-forma tac-citazzjoni. Dan l-aggravju, ghal darb'ohra huwa svestit minn kull xorta ta' bazi soda guridika. Fl-ewwel lok, ma giet injorata l-ebda gurisprudenza, u dan johrog car mid-decide inniffsu, stante illi fis-sentenza appellata jintqal espressament illi rat it-risposta ghan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti, tar-Registratur tal-Qrati datat 10 ta' Lulju, 2000, u semghet liz-zewg partijiet jitrattaw verbalment. Illi il-gurisprudenza ccitata mill-appellanti giet injorata, ghalhekk mhuwiex minnu. Cjo nonostante, irrizulta illi l-gurisprudenza citata mill-appellanti giet skartata, u dan, il-Qorti Kriminali, kellha kull dritt taghmlu. Dan ghaliex, l-ewwelnett, bhalma gie diversi drabi ritenut, fid-Dritt Malti, kemm dak civili kif ukoll dak kriminali, it-'theory of binding precedent' ma hix applikabbli, jew ahjar, biex inkun aktar precizi, ma hix tassattiva,u dan kuntrarjament ghad Dritt Komuni Ingliz.

Bir-rispett kollu fuq dan il-punt sottomess kif gej:

Ghandu jigi sollevat mill-gdid dak illi gie sottomess fin-nota ta' osservazzjonijiet ipprezentata mill-appellati fl-24 ta' Jannar, 2001, vale a dire, illi l-appellanti iccita dan id-dictum minghajr ma gibed l-attenzjoni tal-Qorti Kriminali ghal diversi fatturi ohra ta' natura strettament legali illi, minhabba n-natura u l-importanza taghhom stess fil-gursprudenza kostanti kif ukoll de lege, jimminaw dak kollu illi ddecdiet il-Qorti tal-Appell tletin sena ilu.

Fl-ewwel lok, l-appellanti ma taha l-ebda raguni jew spjegazzjoni biex jissostanzja l-argument tieghu illi l-kaz odjern, jigifieri proceduri ta' disprezz lejn l-awtorita tal-Qorti, jikkostitwixxi kaz kongruwu dwar kwistjoni kollaterali.

Inoltre, l-Qorti Kriminali hija komposta dejjem bil-guri. Dan a tenur ta' l-Artikolu 436 (1) tal-Kodici Kriminali, u l-eccezzjonijiet li huma ezawrjenti huma dawk elenkati fl-Artikolu 436 (6) u spjegati aktar fis-subinciz (9) ta' l-istess artikolu.

Fit-tieni lok, huwa necessarju illi wiehed jara x'inhu l-leit motif u r-raison d'etre, tal-Ligi kriminali fid-dawl tal-provvedimenti tal-Kodici Kriminali meta qed issir interpretazzjoni ta' xi provvediment legali. Fil-fatt, l-Artikolu 3 tal-Kodici Kriminali jistipola illi:

> "L-azzjoni kriminali titmexxa quddiem il-Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali, u biha tintalab piena kontra l-hati"

Minn dan l-Artikolu, zewg rekwiziti tal-azzjoni kriminali johorgu car;

(a) l-azzjoni kriminali ghandha titmexxa quddiem il-Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali;

(b) permezz ta' l-azzjoni kriminali, tintalab piena kontra l-hati.

Fil-kaz odjern, l-ebda minn dawn iz-zewg rekwiziti mhu sodisfatt. L-ewwelnett, l-azzjoni tmexxiet bhal kwalunkwe azzjoni civili ohra, jigifieri, permezz ta' citazzjoni, u fit-tieni lok, ma tista tintalab l-ebda piena kontra l-hati ghar-ragunijiet segwenti:

(i) ma hemm l-ebda piena espressament stipulata fil-kodici kriminali sabiex id-disprezz jigi ssanzjonat rigorosament;

(ii) ma tista' tintalab l-ebda piena jekk l-azzjoni hija ta' indoli civili, vale a dire, ta' natura privata u mhux pubblika;

(iii) wiehed mill-principji sakrosanti ta' kull procediment kriminali huwa l-korollarju tan-nullum crimen sine lege, in-nulla poena sine lege, liema principju fondamentali kien qed jigi vvjolat b'mod lampanti merament bl-ezistenza per se ta' dawk il-proceduri, ghaliex konoxxenza ab initio tal-piena hija sine qua non f'kwalunkwe procedura kriminali. Ghalhekk, il-Qorti Kriminali, permezz tas-sentenza taghha, assigurat li l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-akkuzati, llum appellati, ma jissussisti.

Ghalhekk, ghandu jigi ssollevat illi, bhalma jishaq il-Professur Mamo fin-noti tieghu {Vol. 1, pp 4-5}, "nothing in the character of an act or omission, says Harris, enables us to determine whether it is criminal offence : the only test is the nature of the liability which it entails. The essential characteristics of a criminal offence is that it entails liability to punishment." Mamo jzid illi "……..the difference between crimes and civil injuries does not consist of any intrinsic difference in the nature of the wrongful acts themselves, but only in the legal proceedings which are taken upon them."

Barra minn hekk, ghandu jigi osservat il-fat illi, fil-kaz immexxi mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, l-impozizzjoni ta' piena kienet qed tintalab mill-istess Qorti li allegatament giet disprezzata u li, konsegwentement, ghamlet ir-rapport rigward l-imsemmi allegat disprezz. Huwa implicitu f'dan kollu illi l-Qorti qed tassumi r-rwol ta' parti fil-proceduri kif ukoll simultanjanjament u konkomitanjament tassumi u tabilhaqq tezercita poteri gudizzjarji. Fejn dan l-agir ma kienx jigi lmentat tletin sena ilu meta nstemghet il-kawza ccitata qabel fl-ismijiet Paolo Borg vs Avukat Dottor Victor Borg Grech et., illum, galadarba giet inkorporata l-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-1987 fil-Ligijiet taghna, dan il-fatt jivvjola r-rekwizit tal-indipendenza u l-imparzjalita' ta' tribunal, ingredjent ewlieni, fondamentali u indispensabbli ghal smigh xieraq. Dan gie diversi drabi

ritenut mill-Qorti Ewropeja stess, bhal per ezempju, fil-kawza fl-ismijiet Demicoli vs Malta Series {Series A 210, 1991} u Piersack vs Belgium {Series A 53, 1982} fejn il-Qorti Ewropeja tenniet illi "impartiality means lack of prejudice or bias". B'hekk il-Qorti Ewropeja applikat test oggettiv illi jixbah lill-kuncett tad-Dritt Komuni Ingliz "justice must not only be done : it must also be seen to be done", liema nozzjoni hija accettata fil-gurisprudenza taghna. Harris, O'Boyle u Warbick, a rigward dan jiktbu illi:

> "in this context the Court emphasizes the importance of 'appearances'{Sramek vs Austria, Series A 84, para 42, 1984}. As the Court has states, " what is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and, above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused {Fey vs Austria Series A 255-A, para 30, 1993}."

Ghaldaqstant, permezz tas-sentenza taghha, il-Qorti Kriminali riedet tassigura illi ma ssir l-ebda vjolazzjoni tal-Ligi Kostituzzjonali Maltija, partikolarment tad-drittijiet fundamentali tal-akkuzati, illum appellati.

Ghar-ragunijiet suesposti, l-appellati umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara l-appell odjern null u bla effett ghall-finijiet tal-ligi, u fin-

nuqqas ta' dan, tichad l-appell odjern u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

4 L-appell interpost mill-appellant huwa konsegwenza ta' sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali in segwitu ta' kawza intavolata mill-attur appellant per via ta' citazzjoni quddiem dik il-Qorti in konnessjoni ma' proceduri ghal disprezz kontra l-konvenuti appellati. Dawn il-proceduri ttiehdu mir-Registratur tal-Qorti wara li dik l-istess Qorti, kif diversament presjeduta, kienet tat-digriet in data tal-21 ta' Lulju, 1999 fejn ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex jipprocedi kontra Anthony Manduca u Karl Schembri ai termini tal-Artikolu 1003A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kollu fil-kors tal-proceduri kriminali fil-guri bl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta – vs – (Omissis) Ian Farrugia", Att ta' Akkuza numru 3/1997.

5. Fis-sentenza appellata moghtija fit-18 ta' Mejju, 2001 l-Qorti Kriminali, wara li ddikjarat l-inkompetenza taghha <u>ratione materiae</u> li tisma' l-istess proceduri, ordnat il-liberatorja tal-konvenuti appellati u finalment iddecidiet li ma tkomplix tiehu aktar konjizzjoni ta' dawk il-proceduri.

6 .L-aggravju ta' l-appellant dwar is-sentenza appellata hu li biha jkun ifisser li:

> "Il-Qorti Kriminali meta tkun kostitwita b'wiehed mill-imhallfin flimkien ma' guri, ma tistax tisma' u taqta' pendenza ta' disprezz u dan igib il-konsegwenza allura li hija giet zvestita minn rimedju skond il-ligi, jew subordinatament qeghda timplika rimedju li jmur kontra in-norma tad-dritt dwar is-separazzjoni tal-kompetenzi tal-qrati civili u dawk kriminali. Barra dan, is-sentenza appellata hija inkonsistenti dwar liema kawzi fil-fatt ghandhom jinstemghu mill-Qorti Kriminali u, fl-ahharnett, is-sentenza injorat gurisprudenza li kwistjonijiet kollaterali jistghu jigu promossi fil-Qorti Kriminali bil-forma ta' citazzjoni".

7. Il-kontro-parti appellata preliminarjament eccepiet in-nullita ta' appell " stante li ma hemmx indikata l-Qorti li fiha l-appellanti qeghdin jintavolaw l-appell taghhom" u subordinatament ukoll "stante li l-istess (appell) huwa nieqes mill-elementi perentorji, determinanti ghall-appell". Fil-meritu mbaghad, l-appellati jwiegbu li s-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma.

**<u>Dwar in-nullita' o meno ta' l-Appell</u>**

8. Dwar l-ewwel eccezzjoni ossija pregudizzjal sollevata mill-appellati, hija l-fehma ta' din il-Qorti li din hija ghal kollox frivola. Bil-fatt wahdu li l-appellant intavola ir-rikors ta' appell fir-Registru tal-Qrati Superjuri Civili u mhux dak tal-Kriminal ifisser necessarjament li bil-"Qorti ta' l-Appell" l-appellant ried jintendi il-Qorti ta' l-Appell – sede civili

u mhux dik Kriminali. Waqt it-trattazzjoni orali l-appellant mhux biss irriafferma dan imma sahaq ukoll li minkejja huwa kien ipproceda fl-ewwel l-istanza quddiem il-Qorti Kriminali, f'kull kaz l-appell tieghu ried jinstema' u jigi deciz minn din il-Qorti u minn ebda Qorti ohra, kompriza il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Peress li fid-dibattitu orali tqanqal il-punt jekk l-appell sarx korrettement quddiem din il Qorti ta' l-Appell, ikun utli hawn li dan il-punt jigi investit ghaliex jolqot direttament ir-ritwalita' o meno tal-procedura nfisha quddiem din il-Qorti.

9. Il-procedura li ghandha tigi segwita f'kazi ta' disprezz hija regolata bl-artikoli 1003 u 1003A tal-Kap 12. Il-ligi taghna tiddistingwi bejn zewg tipi ta' sentenzi f'materja ta' din ix-xorta. Mis-sentenzi moghtija ghal disprezz kommess in faciem curiae, kif hemm ikkontemplat taht l-artikoli 990 u 991 ma hemmx dritt ta' appell. Mill-banda l-ohra mbaghad fil-kazijiet l-ohra kollha (hekk ara l-artikolu 1003 (2)), mis-sentenzi moghtija taht it-Titolu XVII (li jitratta "Fuq ir-Rispett li ghandu jingieb lill-Qorti") minn Qorti, li ma tkunx il-Qorti jew il-Qorti Kostituzzjonali, jista'jsir appell lill-Qorti tal-Appell "(sottolinear tal-Qorti). Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-ligi tal-procedura hija wahda cara sufficjentement. Kwindi, meta l-ligi riedet li kull appell li jsir "minn Qorti" bla ma ddistingwiet – mela tkun liema Qorti tkun – dan ghandu jsir "lill-Qorti ta' l-Appell", din il-Qorti hija proprju din li quddiemha giet intavolata l-appell u ebda Qorti ohra. Fi proceduri mibdijin quddiem il-Qorti Civili, ebda problema ma jqum

ghaliex hija konsegwenza naturali li meta hemm dritt ta' appell dan isir quddiem din il-Qorti. Incidentalment, l-istess kien isir minn proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Kummerc. Is-sentenza in ezami nghatat mill-Qorti Kriminali u, inoltre, hija wahda minn dawk soggetta ghall-appell billi mhix konnessa ma disprezz kommess in faciem curiae. Id-domanda hi din: trattandosi ta' decizjoni moghtija mill-Qorti Kriminali, xorta wahda hija din il-Qorti kolleggjali li ghandha tisma' l-appell jew ghandha invece tinstema' mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali? Diga' ntqal supra li l-frazi "minn Qorti" tikkomprendi kull Qorti ghajr dawk espressament eskluzi mill-ligi espressament. Decizjoni ezawrjenti ghall-istudju li johrog minnha dwar proceduri ta' disprezz hija dik moghtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet : "Il-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja – vs – Dr Enrico Mizzi et" in data tat-30 ta' Gunju, 1936. F'dik il-kawza kienu ttiehdu proceduri ghal disprezz ghall-awtorita' tal-Qorti dwar artikolu li kien deher f'gurnal lokali ta' allura b'kummenti dwar proceduri kriminali li kienu ghaddejjin fi stadju ta' istruttorja. Dakinhar il-proceduri ttiehdu b'citazzjoni ghan-nom tal-"Qorti Kriminali tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ghall-Gzira ta' Malta". L-akkuzati appellaw mis-sentenza quddiem zewg qrati – il-Qorti Kriminali – bhala Qorti ta' Appell Kriminali, kif ukoll quddiem il-Qorti ta' l-Appell tal-Maesta' Taghha r-Regina (Sede Civili). Jigi nnutat hawnhekk li (1) l-procedura mehuda dakinhar bdiet originarjament b'citazzjoni u (2) li dak iz-zmien ma kienx ghadu jezisti Qorti ta' l-Appell Kriminali

kolleggjali, cioe bi tlett imhallfin. F'dik is-sentenza gie ritenut li l-Qorti kompetenti biex tiehu konjizzjoni li tiddeciedi reklam minn sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja dwar akkuza ta' disprezz ghall-awtorita' tal-Qorti, fil-kazi fejn dan ir-reklam huwa ammess, hija l-Qorti ta' l-Appell (Sede Civili). Peress li, kif inghad, l-appellant Dottor Mizzi intavola zewg appelli, l-ewwel kwistjonijiet li tqajmet kienet dwar liema mz-zewg Qrati – il-Qorti Kriminali (bhala Qorti ta' Appell) jew il-Qorti ta' Appell (Sede Civili) kienet kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni ta' l-Appell. Nel frattemp, il-Qorti Kriminali ssoprassediet sakemm tinqata' d-decizjoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell kolleggjament komposta.

Fost osservazzjonijiet ferm importanti u rilevanti ghall-kaz in ezami, dik is-sentenza qalet hekk:

> "li kieku l-legislatur fehem u ried li l-applikazzjoni tal-ligi Civili ghall-Qrati Kriminali f'kazijiet ta' disprezz kellha ssir b'xi distinzjonijiet, kien ighid hekk, u jsemmi x'inhuma, u mhux jaddotta, bhal ma ghamel, it-Titoli kollha tal-Procedura bil-mezz straordinarju tal-'wholesale reference'".
>
> X X X
>
> "……il-fehma tal-legislatur, sew fl-artikolu 1019 tal-Kodici tal-Procedura Civili hemm fl-Artikolu 658 tal-Ligijiet Kriminali, kienet dik li jattribwixxi gurisdizzjoni specjali ohra lil din il-Qorti ta' l-Appell minn sentenzi, fejn ammessi, f'kazijiet ta' 'contempt of Court,' li jigu moghtija 'by any Court', barra, naturalment, minn dawk moghtija minnha stess.
>
> Ghal dawn ir-ragunijiet;

> Izzomm u taqta', illi l-appell f'dan il-kaz sar kif kellu jsir lil din il-Qorti, u li din biss hija l-Qorti kompetenti biex tiehu konjizzjoni tieghu, kif li hemm appell minn sentenzi ta' kwalunkwe Qorti taht id-dispozizzjonijiet l-artikoli fuq imsemmija ...." (sottolinear tal-Qorti).

Dan il-principju mhux biss baqa' dejjem jigi applikat imma fil-kawza "Il-Qorti vs Filomena Esposito" moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) datata 17 ta' Frar, 1987 in konnessjoni ma' proceduri ta' disprezz gie ritenut li f'dawk il-kazijiet fejn huwa permess appell, l-appell, isir quddiem il-Qorti ta' l-Appell kolleggjalment ikkosjitwita".

Minkejja li minn mindu nghatat id-decizjoni in re: "Il-Qorti Kriminali tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja vs Dr E Mizzi et" (citata supra) giet istitwita Qorti ta' l-Appell Kriminali kolleggjali baqa' ma nbidel xejn min dak li jiddisponi l-Kodici ta' Organizzazzjoni Civili (Kap 12) dwar il-Qorti tal-Appell kif fuq spjegat u, konsegwentement, l-appell ta' l-attur sar korrettement u l-eccezzjoni in limine litis ta' l-appellati qeghda tigi michuda.

10. Din il-Qorti taghmel imbaghad riferenza ghat-tieni eccezzjoni l-oggezzjoni in limine litis dwar in nullita' ta' appell sollevata mill-appellati u f'liema rigward tirritjeni li hija m'hi xejn konvinta b'dak li hemm sottomess fiha b'mod mill-aktar generiku – imma mhux ukoll issostanzjat da parti ta' l-appellati. Ireggi jew ma jreggix l-appell ta' l-attur, m'hemm xejn fondamentalment nieqes fih – apparti jekk l-appell

ma kienx proceduralment mankanti fil-mument li nbeda quddiem l-Ewwel Qorti – li jirrendih "nieqes mill-elementi perentorji, determinanti "ghall-appell" kif eccepit.

Illi ghalhekk mis-suespost isegwi li l-ewwel zewg eccezzjonijiet in limine litis sollevati mill-appellati qeghdin jigu respinti.

**Dwar l-Aggravju ta' l-Appellanti fil-Mertu**

11. Jidher li l-appell ta' l-attur fil-mertu huma ukoll wiehed ta' indole legali u procedurali. Meta l-ewwel Qorti, jigifieri l-Qorti Kriminali, iddikjarat ruhha inkompetenti ratione materiae, u din baqghet sa issa kkontestata da parti ta' l-attur, isegwi li regghet giet imqanqla kwistjoni ta' procedura. Ir-Registratur tal-Qorti, wara digriet moghti mill-Qorti Kriminali sabiex jittiehdu proceduri ghal disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti, hareg citazzjoni f'ismu bhala attur kontra l-appellati bhala konvenuti. S'hawn jidher li l-appellant agixxa korrettement minn punt di vista ta' procedura ghax hekk jghid l-artikolu 1003A tal-Kap 12. In-nuqqas ta' qbil bejn dak li ghamel l-appellant ma' dak li gie deciz fis-sentenza appellata huwa dwar jekk ic-citazzjoni saritx validament quddiem il-Qorti Kriminali jew jekk invece kellhiex issir quddiem il-Qorti Civili.

12. Fil-fehma ta' din il-Qorti, wara ezami tas-sentenza appellata, tosserva li ghalkemm l-ewwel Qorti bdiet biex tiffoka sew l-attenzjoni taghha fuq din il-kwistjoni u finalment ikkonkludiet li l-procedura ma messhiex saret quddiemha, il-punt ta' tluq taghha f'dak li hija ddeliberat kien pjuttost wiehed titubanti, fis-sens li kien priv minn dik il-konvinzjoni tant necessarja f'materja ta' procedura legali.

Fil-fatt l-Ewwel Qorti bdiet id-deliberazzjoni taghha hekk:

> "Il-kontestazzjonijiet hija jekk ir-Registratur kellux jesegwixxi din l-ordni quddiem din il-qorti, li hija wahda li ghamlet dik l-ordni, jew kellux jibda l-proceduri ghad-disprezz <u>quddiem xi Qorti ohra bhal ma hi, per ezempju u ghal-grazzja ta' l-argument biss, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili;</u> ghalkemm ghandu jinghad mall-ewwel li din il-Qorti tirrikonoxxi li kull procediment ghall-disprezz huwa wiehed essenzjalment ta' indole jew natura kriminali" (sottolinear tal-Qorti).

Dan qieghed jigi rilevat minn din il-Qorti mhux bhala kritika ta' l-ewwel Qorti imma biex jigi sottolinejat il-punt li minkejja d-diversi sentenzi li nghataw mill-Qrati taghna – "ruxxmata" kif deskritti mill-Ewwel Qorti – dan il-punt in dibattitu <u>qatt</u> ma gie definit specifikament. Ir-raguni ghal dan in-nuqqas gej mill-fatt li minkejja l-"wholesale reference" li saret fil-Kodici Kriminali ghall-Kodici ta' Procedura Civili, ghal dak li jikkoncerna l-procedura f'kazi ta' 'contempt of Court' li ma jkunux saru <u>in faciem curiae,</u> kulma jinghad biss hu li l-proceduri ssir b'citazzjoni. Kien imbaghad per via ta' emendi fil-ligi li saru fl-1995 li gie specifikat li f'kazi

simili l-attur ikun ir-Registratur tal-Qorti. Dan sar il-ghaliex, fl-istat vag u evoluttiv li kienet din il-parti tal-ligi tal-procedura, kienet dahlet prassi li l-instanti tkun il-Qorti stess. F'sentenza elaborata recensjuri dwar dan il-punt – "Il-Qorti vs Angelo Pace", Qorti ta' l-Appell, 7 ta' Dicembru, 1970, gie pero gustament ritenut illi:

> "ma jidhirx li huma guridikament possibbli li l-Qorti jew Tribunal li quddiemhom u fihom se ssir il-konstatazzjoni – li dik il-Qorti jew dak it-Tribunal ikun ukoll wiehed mill-partijiet in kawza. Din hi l-proposizzjoni li daqs kemm hija cioe daqstat iehor sfuggiet l-iskrutinju u l-attenzjoni ta' tant guristi sempliciment ghaliex il-prattika kostanti u uniformi eradikat ruhha b'mod li l-malaprassi ittiehdet bhala xi haga li ghaliex hija konformi ma' l-<u>ittra </u>tal-artikolu allura l-ispirtu generali tal-gustizzja jista' jibqa' jigi injorat, ghaliex hemm il-ligi".

X X X

Omissis

X X X

> "Il-procedura li tidher li hija kostituzzjonalment korretta u legalment konformi anki ma' dak li hemm fil-Kodici ta' Procedura Civili, u prattikament effikaci ghall-iskop li jigu mharsa l-ordnijiet tal-Qorti .....hija, li l-akkuza kontra min ikun ikkommetta xi wiehed mir-reati msemmija fl-artikolu 998 tal-Kap 12....tinhareg permezz ta' citazzjoni li tigi konfezzjonata mill-parti interressata perit gudizzjarju, avukat jew il-parti li tkun ottjeniet il-hrug tal-mandat jew li favur taghha saret in ordni ohra, <u>u fil-kaz ta' ufficjali tal-Qorti, mir-Registratur ta' dawn il-Qrati u jkunu dawn il-partijiet li jikkonducu l-procedura quddiem il-Qorti, kontra l-akkuzat,</u> u l-Qorti, fuq ir-rizultanzi tal-process, bejn dawk il-partijiet, tiggudika skond il-haqq...."(sottolinear tal-Qorti).

13. Illi skond l-appellant, li kieku l-Ewwel Qorti "accettat il-gurisprudenza in materja dwar kwistjoni kollaterali, dawn l-ekwivoci ma

kienux iqumu" u li hija fil-kompetenza ta' dik il-Qorti li taghti l-ordni ghal disprezz li ghandha tigi u dan ukoll billi kull Qorti hija geluza ghar-rispett dovut lejha u ghall-amministrazzjoni sewwa tal-gustizzja. Ghalhekk, x'isostni l-appellant, kull Qorti ghandha l-kompetenza necessarja sabiex tirreprimi kull disprezz lejha.

14. Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul dwar is-sottomissjonijiet tal-partijiet ma jidhrilhiex li r-ragunijiet imressqin mill-appellant huma fondati. Skond id-disposizzjonijiet li hemm fl-artikolu 1003A – li gew fis-sehh fl-1995 bl-iskop li jevolvu u jelucidaw izjed x' ghandu jsir fi proceduri simili - id-dover tat Qorti li tkun tat-l-ordni biex jittiehdu proceduri ghal disprezz m'huwiex dak li hija stess tipprocessa u tikkundanna lil min kontra taghha kellhom jittiehdu l-passi izda li fit-termini ta' l-artikolu fuq imsemmi, taghti dawk l-ordnijiet lir-Registratur biex dan jiehu l-passi opportuni skond il-ligi – hekk ara decizjoni tal-Qorti tal-Appell tat-8 ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Meinrad Calleja" Bil-fatt li proceduri simili huma kkonsidrati li huma ta' indole kriminali, xorta wahda jista' jinstemghu mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u dan jemergi minn sensiela twila ta' proceduri simili kondotti u decizi minn dik il-Qorti, anki fejn id-disprezz kien sar quddiem il-Qorti tal-Kummerc, illum sopressa (ara wkoll Qorti tal-Appell (sede kummercjali), decizjoni moghtija fit-28 ta' Jannar, 1991 fil-kawza fl-ismijiet "Catherine Portelli vs Joseph Cachia et nomine". Bil-fatt li

minflok li l-procedura ssir u tigi deciza necessarjament minn dik l-istess Qorti li tat id-digriet biex jittiehdu proceduri ghal disprezz lejn l-Awtorita' taghha tinstema' minn Qorti Civili ma jfissirx li b'daqshekk dik il-Qorti tkun rrinunzjat ghal xi dritt spettanti lilha kwantu ghar-rispett dovut lejha jew ghall-amministrazzjoni sewwa tal-gustizzja. Kif jinghad fid-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet "Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri" tad-9 ta' Novembru, 1990;

> "………..fir-realta' ma hemm l-ebda kontesa bejn il-Qorti u l-konvenut ….Di fatti l-procediment prezenti huwa stabbilit mil-ligi, aktar milli bl-iskop li tigi kustodita d-dinjita' tal-Qorti, biex tigi tutelata l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja".

Isegwi mis-suespost li, apparti minn kwistjonijiet kollaterali ta' reati gravi fejn allura jmorru 'l hinn minn semplici "contempt of court" ghax l-oltragg ikun aktar gravi, proceduri bhal dawn ma jikoncernawx lil Qorti partikolari imma jikkoncernaw invece l-amministrazzjoni tal-haqq b'mod generali. Illi proprju ghalhekk li l-ligi procedurali hasbet fi procedura fejn permezz ta' citazzjoni ad istanza tar-Registratur tal-Qorti jew tal-parti leza jitharrek l-"akkuzat" fil-vesti ta' konvenut. Procedura sui generis bhal din ma tirrafigurax ruhha quddiem il-Qorti Kriminali. Kif allura sewwa gie ritenut fis-sentenza appellata,u dan minkejja l-fatt li kienet dik il-Qorti u mhux il-Qorti Civili li tat l-ordni biex jittiehdu proceduri ghal disprezz.

15. Tenut kont tas-suespost ma hemm l-ebda skop ghal din il-Qorti li tidhol u tinvesti wkoll il-punti l-ohra dwar il-mansjonijiet li jaqghu proprjament fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali li s-sentenza appellata dahlet fihom u lanqas punti ohrajn ta' indole kostituzzjonali li gew imressqa ghal-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti minn naha tal-parti appellata bhala parti mir-risposta taghhom ghall-aggravju fil-mertu tal-kontroparti appellanti.

Ghal dawn il-motivi;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fis-sens hawn fuq riportat, tichad l-appell ta' l-attur appellant bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Dep/Reg

cz